MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1684/2003

**Ballut Blocks Services Ltd (C8360)**

**Vs**

**Farstone Ltd (C6880)**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talbiet attrici ghall-hlas ta' Lm1003.87 (elf u tliet liri maltin u seba' u tmenin centezmu), prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u konsenjat.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju, 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-**

**kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta fl-10 ta' Novembru, 2003 naqset u ma dehritx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------